KLR 29/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa b'urġenza li nżammet *online* permezz ta' *video call* fuq *Microsoft Teams*, nhar il-Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2021 fl-10:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat u Marcell Tabone.

SKUŻATI: il-membri Michel Buttigieg, Charlie Hili u Maria Portelli.

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

**29.1 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – Diskussjoni fuq ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni**

29.1.1 Tressaq ir-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta VLC/05/2021 – 'Tender for the Restoration of Statues of St. Augustine's Church Parvis and of the Niche of San Ġorġ tal-Ħaġar, Triq il-Librerija (re-issue)'. Din l-offerta reġgħet intefgħet biss minn Stefano Sferrazzo għall-prezz totali ta' €17,000 VAT eskluża.

29.1.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ħass l-obbligu li jinfurmahom li għandu informazzjoni li dan il-kuntrattur li tefa' l-offerta ma għamilx xogħol ta' restawr kif mistenni. Tenna li kellu kuntatt ma uffiċjal mis-Supretendenza għall-Wirt Kulturali fejn ġie nfurmat li dan għandu l-*warrant* miċħuda minħabba nuqqasijiet fix-xogħol li jagħmel. Dan applika għal din il-*warrant* u ġiet miċħuda. Is-Sindku kompla jistqarr li qed jibża' li jekk dan il-kuntratt jingħata, waqt li jkun qed isir ix-xogħol, f'xi ħin jew ieħor, jiġi mwaqqaf mis-Supretendenza tal-Wirt Kulturali. Is-Sindku tkellem ukoll mal-Perit tal-Kunsill fejn dan ta l-parir li l-Kunsill ma jmexxix fuq dan il-kuntrattur dment li m'għandux *warrant*.

29.1.3 F'din iċ-ċirkustanza, l-membri qablu li l-Kunsill iwaqqa din l-offerta u jikteb lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn tiġi spjegata s-sitwazzjoni u jingħata parir ta' kif għandu jimxi minn issa l-quddiem.

**29.2 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fil-11:00. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar 2022, fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |